MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 1900/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Philip Aguis & Sons Limited C35991**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2005 fejn gie premess illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u sittin Liri Maltin (Lm866.36), - ekwivalenti ghal elfejn u tmintax il-Euro u tmien centezmi (€2018.08) - liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma hsarat ikkagonati unikament tort tas-socjeta` konvenuta f'cables tas-socjeta` attrici gewwa Triq il-Gonna, Attard, (skond kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A). Ill s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-

hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 10 ta’ Gunju 2005 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta tal-31 ta’ Jannar, 2006 fejn gie eccepit illi t-talba attrici hija kkontestata in kwantu hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u b’hekk ghandha tigi michuda minn dan it-Tribunal bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici stante li (a) is-socjeta` konvenuta mhix responsabbli ghall-kawza jew kawzi li taw lok ghad-danni allegati u ghad-danni konsegwenzjali allegati u dan peress illi s-socjeta` konvenuta wettqet ix-xogholijiet taghha b’diligenza u l-prudenza fil-grad mehtieg mill-ligi, (b) minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta’ danni riklamat huwa esagerat, (c) f’kull kaz kwalunkwe tali danni sehhew unikament sforz tan-nuqqas ta’ l-impjegati tas-socjeta` attrici jew agenti taghha u bl-ebda mod tort ta’ xi nuqqas tas-socjeta` konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati u sema` x-xhieda kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra:

Illi in sostenn tat-tezi attrici xehed Victor Busuttil (15.03.06) li qal illi kellu talba mis-socjeta` konvenuta u baghat in-nies tieghu jimmarkaw l-cables tas-socjeta` attrici. Baghat lil Lawrence Borg u dan immarka l-cables – nonostante dan, f’April gew kkagunati hsarat fl-istess cables.

Jghid illi huwa acceda fuq il-post sabiex jara l-marki li kien ghamel Borg u “*kont rajt b’ghajnejja l-marki qabel beda x-xogholijiet tat-trinka…..u meta mort wara l-incident fuq il-*

*post tax-xoghol, jiena stajt nikkostata illi l-kuntrattur hadem fuq il-marki taghna*".

Spjega illi l-cables kienu f'pajpijiet u miksija bil-konkos u wara l-incident sab konkos imkisser u fejn ma giex ikkawzat hsarat "*il-konkos kien intatt*". Jispjega pero` illi l-*warning tape* kien ftit iktar il-fuq.

Lawrence Borg (15.03.06) xehed illi meta hu mmarka l-cables ix-xoghol kien ghadu ma' nbediex. Jaghmel referenza ghar-ritratt Dok LB1 li juri l-marki minnhu maghmula, filwaqt illi Dok LN3 juru l-hsarat kkagunati. Ix-xhud jikkonferma illi Dok LB1 "*jindika u juri il-cables illi jiena mmarkajt fit-triq*".

Meta rega` xehed Victor Busuttil (25.04.06) u esebixxa l-pjanta u l-kuntratt relattiv, filwaqt illi mmarka fuq l-istess pjanta fejn saret il-hsara. Jghid illi meta mar fuq il-post, sab "*illi l-kuntrattur kien hadem bum fuq is-sinjali…….*".

L-Inginier Alison Zammit (25.04.06) xehdet illi hija ma' kinitx nkarigata mix-xogholijiet, pero` tat rendikont tax-xogholijiet nkorsi mis-socjeta` attrici kif irrizulta mill-file relattiv. Tispjega illi fil-kaz in ezami l-ewwel saru xogholijiet rimedjali temporanji, izda mbaghad kellhom isiru xogholijiet permanenti. Mistoqsija in kontro-ezami ghaliex l-ewwel saru b'mod temporanju mbaghad b'mod permanenti wara, x-xhud wiegbet "*ir-ragunijiet jistghu jkunu varji, fosthom jista` jkun minhabba x-xogholijiet tal-kuntrattur nnifsu jew minhabba ragunijiet ohra li ma` jippermettux illi x-xoghol tal-Maltacom isir b'mod permanenti mill-ewwel. Huwa fl-interess tal-Maltacom illi l-hsarat jissewwew b'mod permanenti mill-aktar fis…….*".

Tispjega wkoll illi ghalkemm ir-rapport dahal ghand il-Maltacom fil-11.30am, ix-xogholijiet temporanji bdew fl-4.30pm u dan peress illi l-haddiema gia jkunu mpenjati banda'ohra.

Ghas-socjeta` konvenuta xehed Mario Aguis (14.03.07) li kkonferma illi l-Maltacom immarkaw l-cables fil-presenza tieghu jew haddiema tieghu. Jghid pero` illi "*d-duct root*" li

ntlaqtet ma kinitx immarkata. Jispjega illi l-Maltacom ghamlet xoghol temporanju "*biex in-nies jerga` jkollhom is-servizz*" u wara "*biddlu l-cable kollu minn manhole sa manhole*". Jghid wkoll illi "*wara li tlestew x-xogholijiet ghamlu zebgha hadra ma' l-art u gibdu xi ritratti*". Ix-xhud jichad ghal darba tnejn tlieta illi fuq il-lok ta' l-incident kien hemm marki, u jghid illi wara li saru r-riparazzjonijiet bil-lejl saru l-marki.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi t-Tribunal irid qabel xejn jistabillixxi jekk is-socjeta` konvenuta tahtix jew le ghall-incident de quo. L-Avviz promotur jipprometti illi l-hsarat li sofriet l-Maltacom (illum Go Plc) gew kagunati "*tort unikament tas-socjeta` konvenuta*" fuq cables gewwa "*Triq il-Gonna*".

It-Tribunal sejjer jevalwa l-provi prodotti u jara jistghax jikkonferma tali premessa.

Ir-ritratt DOK LB1 huwa l-uniku ritratt illi juri l-marki qabel il-bidu tax-xogholijiet, pero` jidher illi huwa pacifiku illi jinghad illi dan ir-ritratt ma jinkludiex il-punt preciz fejn intlaqat il-cable. Il-marki murija fuq dan ir-ritratt qeghdin fi "Triq il-Linja" u mhux fi "Triq il-Gonna", gewwa H'Attard.

Illi Vincent Busuttil xehed illi qabel nbdew ix-xogholijiet mill-kuntrattur kien mar u ra l-marki u wara l-incident seta` jikkonstata illi l-haddiema haddmu fuq il-marki.

Illi Lawrence Borg jikkonferma illi huwa ghamel il-marki – jaghmel referenza ghal Dok LB1 – izda mkien ma' jikkonferma illi ghamel il-marki fuq il-lok preciz ta' l-incident, jew almenu fi Triq il-Gonna. Anzi, huwa jikkonferma illi Dok LB1, li juri Triq il-Linja, juri u jindika "l-cables li jiena mmarkajt fit-triq". Mkien pero` ma jsemmi Lawrence Borg illi huwa mmarka cables ukoll fi Triq il-Gonna.

Illi Mario Aguis cahad ghal darba, darbtejn, tlieta illi fuq il-lok ta' l-incident kien hemm il-marki. Jghid pero` illi l-Maltacom kienu ghamlu l-marki "*matul it-triq, magenb il-*

*kurduna tat-triq u l-overseer taghhom baqa` jimmarka r-rotta kollha fejn kellhom il-cables. …….. maghruf bhala 'duct root', anzi nghid illi kien parti minn sistema ta' cables u nghid illi din id-duct root ma kinitx immarkata*".

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi qabel xejn jinghad illi una volta allegat mis-socjeta` attrici illi l-hsara kienet konsegwenza u tort unikament tas-socjeta` konvenuta – kellha tkun hi li tipprova dan u kellha ukoll tipprova illi l-punt fejn saret il-hsara kienet giet mmarkata sodisfacentament minn nies taghha.

Illi mill-provi dokumentali ma' jirrizultax illi l-punt fejn intlaqat il-cable kienx immarkat. Dok LB1 jindika biss Triq il-Linja u mhux Triq il-Gonna. Jibqa` ghalhekk illi t-Tribunal irid jezamina bir-reqqa` x-xhieda mressqa u jara liema versjoni hija aktar kredibbli. Dan in vista tal-fatt illi hemm zewg verzjonijiet.

Nieqsa minn prova dokumentali – strahet fuq provi permezz ta' xhieda. It-Tribunal b'ebda mod ma' jrid jghid illi Victor Busuttil u/jew Lawrence Borg ma qalux il-verita` - izda fid-dawl tal-provi kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss illi l-versjoni ta' Mario Agius hija aktar verosimili.

Dan qed jinghad peress illi l-istess Mario Aguis kien aktar kategoriku, car, espress u konvincenti fid-deposizzjoni tieghu milli kienu Busuttil u Borg.

Lawrence Borg – li fuq kollox kien il-persuna inkarigata illi jimmarka l-cables fejn kienu ser isiru x-xogholijiet – mkien ma jsemmi illi huwa mmarka ukoll Triq il-Gonna, izda jistrieh fuq DOK LB1 u jghid illi dawk huma l-marki li ghamle hu. Li ma jghidx hu jekk dawk il-marki baqghax tiela bihom ukoll fi Triq il-Gonna.

Jghid dan invece r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta – u filwaqt illi jammetti illi l-marki baqghu telghin fi Triq il-Gonna, b'dana kollu pero` ighid illi l-marki kienu vicin il-

kurduna tal-bankina u l-cable milqut ma kienx ghalhekk immarmat.

Dan huwa l-apprezzament li qed jaghmel it-Tribunal tal-provi u x-xhieda li ghandu quddiemu, u fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi s-socjeta` attrici ma' rnexxiliex tipprova illi l-hsara kkagunata hija tort esklussivament tas-socjeta` konvenuta. Ma' rnexxiliex tipprova illi l-cable milqut kien debitament immarkat – u filwaqt illi dan ma ppruvatuhx, is-socjeta` konvenuta qed tichad kategorikament illi l-cable milqut kien effettivament immarkat.

Ghaldaqstant, wara li qies ix-xhieda kollha, l-provi kollha u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal b'ekwita` jaqta u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta kontenenti f'paragrafu (a) tar-Risposta u jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes ta' din il-kawza li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------